**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 5/15VG**

**xxx**

**Vs**

**Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)**

**Illum 8 ta' Jannar 2019**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Xxx fil-5 ta' Marzu 2015 permezz ta' liema titlob li l-istima maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodu ta' taxxa 01.10.12-31.12.12 tiġi dikjarata invalida u żbaljata u konsegwentement tiġi kkanċellata;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 u 4 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.10.12-31.12.12 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjez kontra s-soċjetà Rikorrenti, u minflok l-imsemmija stima tiġi kkonfermata stante li: (i) in linea preliminari, l-appell huwa irritu u null in kwantu tardiv; u (ii) fil-mertu, l-aggravji fuq liema s-soċjetà Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "A" sa' Dok. "O2" a fol. 15 sa' 57 tal-proċess;

Ra li waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2015[1], il-partijiet kontendenti qablu li in vista ta' l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-eċċezzjoni qabel ma' jittratta l-appell fil-mertu;

[1] Fol. 69 tal-proċess.

Sema' x-xhieda ta' Anton Theuma in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2015[2] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "AT" a fol. 70 sa' 73 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Kevin Mifsud in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2015[3] u sema' x-xhieda ta' Zuhair Kuraishi mogħtija waqt is-seduti tat-22 ta' Ottubru 2015[4] u tat-18 ta' Jannar 2016[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 78 sa' 82 tal-proċess;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 91 sa' 96 tal-proċess u ra n-Nota Responsiva tas-soċjetà Rikorrenti a fol. 98 sa' 101 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà Rikorrenti tikkontesta stima maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodu ta' taxxa 01.10.12-31.12.12 in forza ta' liema qed tiġi mitluba tħallas is-somma ta' €15,161.46 rappreżentanti taxxa fuq il-valur miżjud, is-somma ta' €3,032.29 rappreżentanti multa amministrattiva u is-somma ta' €628.05 rappreżentanti imgħax[6]. Huwa jitlob li l-imsemmija stima tiġi dikjarata nulla u żbaljata u konsegwentement tiġi kkanċellata stante li: (i) in linea preliminari, l-istima hija invalida in kwantu ma hijiex in konformità mal-metodoloġija stabbilita tassattivament fl-Artikolu 32 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) in linea preliminari wkoll, l-istima hija invalida stante li nħarġet bla motivazzjoni peress illi filwaqt li fl-ittra datata 12 ta' Jannar 2015 li takkumapnja l-istima jingħad illi "*As the Department did not accept the amounts that you indicated...*" ma jingħadx għaliex l-ammonti dikjarati minnu ma ġewx aċċettati. Siccome d-deċizjoni hawn kontestata hija waħda kważi-ġudizzjarja, għandha tkun adegwatament motivata; u (iii) fil-mertu, l-istima maħruġa fil-konfront tagħha hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet u assunzjonijiet żbaljati.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.10.12-31.12.12 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stima tiġi kkonfermata stante li: (i) in linea preliminari, l-appell huwa irritu u null in kwantu tardiv; (ii) kuntrarjament għal dak pretiż mis-soċjetà Rikorrenti huwa ottempera ruħu skrupolożament mat-termini prefissi fl-Artikolu 32 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè mat-terminu ta' sitt xhur min-noitifika ta' l-istima proviżorja stante li bejn in-notifika ta' l-istima proviżorja u l-ħruġ ta' l-istima finali għaddew inqas minn ħames xhur, u mat-terminu ta' tletin ġurnata stnate li bejn in-notifika ta' l-istima proviżorja u l-ħruġ ta' l-istima finali għaddew ħafna iktar minn tletin ġurnata; (iii) il-Liġi tippermetti li ssir

[2] Fol. 74 sa' 76 tal-proċess.
[3] Fol. 83 u 84 tal-proċess.
[4] Fol. 85 u 86 tal-proċess.
[5] Fol. 88 u 89 tal-proċess.
[6] Fol. 4 tal-proċess.

stima ta' tnaqqis ta' taxxa ta' persuna u fil-fatt dak huwa dak li għamel fil-każ in eżami fejn l-istima in kwistjoni hija relatata ma' tnaqqis ta' Input Vat in kwantu għad illi s-soċjetà Rikorrenti talbet għal aktar minn €15,000 f'Input Vat, hija ma kellhiex il-fatturi rikjesti mill-Liġi biex jiġġustifikaw id-dikjarazzjoni magħmula minnha fid-dikjarazzjoni tat-taxxa tagħha; (iv) għad illi l-Input Vat huwa dritt tat-*taxpayer*, ma jfissirx li tali dritt japplika b'mod awtomatiku anzi, huwa regolat strettament bil-Liġi. Ladarba s-soċjetà Rikorrenti f'dan il-każ ma ottemperatx ruħha mal-Liġi, hija għandha terfa' r-responsabilità tan-nuqqas tagħha; (v) il-pretensjoni tas-soċjetà Rikorrenti li l-istima hija invalida stante li nħarġet bla motivazzjoni hija frivola u vessatorja. Fil-kors ta' l-investigazzjoni fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti ġie elenkat lilha ammont ammont għalfejn it-talba tagħha għall-Input Vat ma kenitx qed tiġi konvalidata. Għalkemm is-soċjetà Rikorrenti talbet ghal Review, hija naqset milli tattendi għall-appuntamenti ffissati u għalhekk ma kienx hemm triq oħra ħlief li l-istima proviżorja tiġi kkonfermata. Bejn l-istima proviżorja u l-istima finali ma hemm xejn ġdid u/jew differenti u għalhekk l-ittra mibgħuta ma' l-istima proviżorja ġia kienet ta spjega ghad-deċiżjoni tal-Kummissarju; (vi) mill-investigazzjoni rriżulta li s-soċjetà Rikorrenti ma żammitx id-dokumentazzjoni tagħha bil-mod rikjest mill-Liġi u fil-fatt irriżulta li minn talba għal Input Vat fl-ammont totali ta' €15,212.88, is-soċjetà Rikorrenti rnexxielha tiġġustifika biss l-ammont ta' €51.42; u (vii) l-aggravju tas-soċjetà Rikorrenti fejn tikkontendi li l-istima maħruġa fil-konfront tagħha hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet u assunzjonijiet żbaljati huwa bla fundament legali.

Fid-dawl ta' l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi il-partijiet kontendenti qablu li t-Tribunal għandu jaqta' u jiddeċiedi din l-eċċezzjoni qabel ma' jittratta l-appell fil-mertu[7]. Għaldaqstant, din id-deċizjoni qed tingħata limitatament dwar l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li *l-appellanti kienet irċeviet l-istima de quo fis-27 ta' Jannar 2015 filwaqt li intavolat l-appell fil-5 ta' Marzu 2015, ċjoè sebat ijiem tard. Illi fil-fehma ta' l-esponenti appellat din hi l-crux tal-vertenza u fil-fehma umli tiegħu peress illi l-matematika hi xjenza preċiża kwindi hija di facile soluzione. ... il-Partita 2 (1)(c) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 ... hija ċarissima dwar it-tassattività tan-nullità w irritwalità ta' appell minn stima jekk dan ma jiddahhalx fi żmien tletin jum min-notifika ta' stima lil taxpayer. Ovvjament fil-każ in eżami t-terminu skada b'diversi jiem. Dura lex, sed lex. L-appellanti ma kellha l-ebda skużanti x'iggib ħlief illi kienet altament traskurata fil-gestazzjoni ta' l-operat tagħha*[8].

Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi in sostenn ta' l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell jirriżulta li l-istima maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti fit-12 ta' Jannar 2015 tħalliet mill-Ispetturi tal-VAT Anton Theuma u Kevin Mifsud taħt il-bieb tal-fond Tessie, Flat 6, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida, fis-27 ta' Jannar 2015. Dan jirriżulta kkonfermat mid-dokument Dok. "AT" a fol. 70 sa' 73 tal-proċess u mix-xhieda ta' Anton Thuema fejn dwar dak li seħħ fis-27 ta' Jannar 2015 iddikjara: *dakinhar ħadd ma weġibna u minħabba li kellna nħalluha u ma kien*

[7] Vide verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2015, fol. 69 tal-proċess.
[8] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 91 sa' 95 tal-proċess.

*hemm l-ebda letterbox fejn fil-fatt kienet isfel u għaddejnihom minn taħt il-bieb*[9]. Kevin Mifsud, l-Ispettur tal-VAT l-iehor involut fit-tqassim ta' l-istima finali lis-soċjetà Rikorrenti, ikkonferma li l-ittra li huwa u Anton Theuma ġew inkarigati iqassmu mid-Dipartiment tħalliet taħt il-bieb tal-flat in kwistjoni[10].

Il-Kummissarju tat-Taxxi jippretendi li l-konsenja ta' l-istima lis-soċjetà Rikorrenti fis-27 ta' Jannar 2015 hija in konformità mal-Liġi in bażi għal dak provdut fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 73 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè li: *għall-għanijiet tas-subartikolu (2) avviż jitqies li jkun ġie indirizzat sew jekk dan ikun ġie indirizzat fin-negozju jew fl-indirizz privat ta' persuna, u indirizz mogħti minn persuna lill-Kummissarju għandu jitqies bħala indirizz ta' dik il-persuna kemm-il darba u sakemm ma jingħatax avviż ta' bdil ta' indirizz minn dik il-persuna lill-Kummissarju.* In bażi għal dan il-provvediment tal-Liġi l-Kummissarju jikkontendi li *huwa ovvju li l-fatt illi r-rikorrenti għamlet bdil ta' l-indirizz ma' tal-posta, dan il-bdil postali ma jeskolpax lill-appellanti mill-obbligu tagħha li tinforma lill-esponenti bil-bdil fl-indirizz. Hija ħatja ta' dan in-nuqqas gravi u għandha terfa' r-responsabbilità ta' għemilha. Imputet sibi għall-konsegwenzi kollha li skattaw konsegwenza ta' l-inadempjenza tagħha. Illi l-esponenti jsib konfort f'dak li qiegħed jgħid f'dak li seħħ fl-appell ta' Saviour Magri u ta' Sullsports Ltd. fejn il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi appell kien tardiv għaliex l-istejjem kienu ntbagħtu fl-indirizz fejn kienu rreġistrati t-taxpayers. Il-fatt illi daħħlu l-appelli tard minħabba dan in-nuqqas ma tqiesx mill-Qorti bħala skużanti raġjonevoli. Eżatt bhalma ġara fil-każ de quo*[11].

Għalkemm l-indirizz li jidher kemm fuq l-ittra datata 12 ta' Jannar 2015[12] kif ukoll fuq l-istima finali[13] maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi huwa Flat 6, Tessie, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida, li rriżulta li huwa l-aħħar indirizz magħruf tas-soċjetà Rikorrenti reġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud[14], u għalkemm l-istess imsemmija ittra u stima finali tħallew mill-Ispetturi tal-VAT taħt il-bieb ta' dak il-fond, b'daqshekk ma jfissirx li l-ittra u l-istima ġew validament notifikati lis-soċjetà Rikorrenti ai termini tal-Liġi. Kuntrarjament għal dak pretiż mill-Kummissarju tat-Taxxi, in-notifika valida ta' avviż jew stima che sia maħruġa minnu lil *taxpayer* ma tiddependix biss mill-fatt li dak l-avviz jew stima jkun indirizzat fl-indirizz li dak it-*taxpayer* ikun irreġistra mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, iżda tiddependi **wkoll** mill-fatt li dak l-avviż jew stima jkun effettivament tqassam, u b'hekk ġie notifikat, b'mod in konformità mal-Liġi.

It-tqassim u notifika ta' avvizi, stimi w atti jew dokumenti oħra maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi lit-*taxpayers* huwa regolat bl-Artikolu 73 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu fis-subartikolu (2) tiegħu jipprovdi li: *Kull avviż li huwa meħtieġ li jingħata mill-Kummissarju jew minn xi persuna oħra taħt dan l-Att jista' jiġi notifikat lill-persuna sew personalment sew billi jintbagħat bil-posta. Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviż mibgħut bil-posta*

---

[9] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2015, fol. 74 sa' 76 tal-proċess.
[10] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2015, fol. 83 u 84 tal-proċess.
[11] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 91 sa' 95 tal-proċess.
[12] Fol. 3 tal-proċess.
[13] Fol. 4 tal-proċess.
[14] Dok. "A", Dok. "B" u Dok. "D" a fol. 15, 16 u 18 tal-proċess.

*tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviż kien ġie indirizzat u impostat sew u għandu jitqies li jkun ġie notifikat, fil-każ ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jiġi wara l-jum meta dan ikun ġie impostat, u fil-każ ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jiġi wara dak il-jum meta l-avviż kien jiġi riċevut fil-kors ordinarju tal-posta: Iżda meta dik in-notifika ma sseħħx minħabba li dik il-persuna ma tkunx tista' tinstab jew minħabba raġunijiet oħra attribwibbli għal dik il-persuna u l-Kummissarju jippubblika avviż fil-gazzetta u f'xi ġurnal wieħed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li dak l-avviż ikun sar u li fih jistieden lil dik il-persuna biex tmur tiġborha kif u fejn jindikalha l-Kummissarju, dik in-notifika għanha wkoll titqies li tkun ġiet debitament notifikata fid-data tad-debita pubblikazzjoni f'ġurnal ta' kuljum: Iżda wkoll, cheque jew ċedola impostati mill-Kummissarju għandu jitqies li jkun ħlas ta' dak l-ammont magħmul fid-data meta jkun ġgie impostat.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta li l-Kummissarju tat-Taxxi jista' jagħzel wieħed minn żewġ metodi ta' notifika ta' avviżi, inkluż stimi, lit-*taxpayer*, u ċioè li l-avviż jiġi notifikat **personalment** lit-*taxpayer,* jiġifieri li jitħalla direttament f'idejn id-destinatarju jew inkella ma' persuna awtorizzata tirċievi komunikazzjonijiet a nom tiegħu, jew inkella billi jintbagħat **bil-posta**, f'liema eventwalità japplika dak provdut fl-istess imsemmi artikolu tal-Liġi għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' meta l-avviż ikun effettivament ġie notifikat.

Fil-każ in eżami n-notifika ta' l-istima mertu ta' dawn il-prożeduri ma ġietx effettwata bil-posta iżda ġiet effettwata mill-Ispetturi tal-VAT, fejn allura u b'mod evidenti n-notifika kellha ssir lis-soċjetà Rikorrenti u/jew rappreżentat tagħha personalment. Ladarba fil-każ in eżami l-modalità tan-notifika adottata kienet waħda diretta u personali fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, dak provdut fl-Artikolu 73(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-presunzjonijiet relattivi ghan-notifika ta' l-avviż meta l-konsenja ssir bil-posta ma japplikax u l-fatt waħdu li l-avviż ikun indirizzat tajjeb ma huwiex biżżejjed biex in-notifika titqies legalment valida.

Fil-fehma tat-Tribunal ladarba n-notifika ta' l-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti saret bil-mezz tan-notifika personali lill-istess soċjetà Rikorrenti, l-Ispetturi tal-VAT inkarigati minn tali noitifika kellhom jassiguraw ruhhom li din issir b'mod li l-avviż in kwistjoni, li f'dan il-każ kien stima maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.10-31.12.10, effettivament u tempestivament jasal f'idejn is-soċjetà Rikorrenti u/jew rappreżentat tagħha, haġa li però f'dan il-każ ma saritx. It-tqassim ta' l-istima in kwistjoni billi din tħalliet mill-Ispetturi tal-VAT taħt il-bieb tal-flat Nru.6, Tessie, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida, li kien l-aħħar indirizz reġistrat tas-soċjetà Rikorrenti mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, meta raw li ma weġibhom u ma fetħilhom ħadd, ma jistax jitqies bħala notifika validament effettwata lill-imsemmija soċjetà ai termini tal-Liġi.

Ladarba l-avviż, ossia stima, li kellu jiġi notifikat lis-soċjetà Rikorrenti ntbagħat *by hand* ma' l-Ispetturi tal-VAT u per di più miegħu kien hemm AR Card, ossia Advice of Receipt Card, li solitament tintuża fil-posta reġistrata, juri biċ-ċar li dan l-avviż kellu jiġi notifikat personalment u direttament lis-soċjetà Rikorrenti u/jew

rappreżentant tagħha u mhux jitħalla taħt il-bieb u l-AR Card tiġi ffirmata biss mill-istess Spetturi tal-VAT. Konferma ta' dan tirriżulta mir-Regolament 33 tar-Regolamenti Dwar Servizzi Postali (Ġenerali), Leġislazzjoni Sussidjarja 254.01, li jipprovdi illi *mal-kunsinna ta' oġġett postali reġistrat, l-indirizzat, ir-rappreżentant tiegħu, jew membru tal-familja tiegħu għandu, sakemm ma jingħatawx istruzzjonijiet kuntrarji lill-provditur ta' servizz universali involut mill-indirizzat, jagħti riċevuta tiegħu bil-miktub lill-provditur ta' servizz universali: Iżda meta dik ir-riċevuta ma tingħatax, l-oġġett postali għandu jitqies li ma jkunx ġie kkunsinnat: Iżda wkoll dan ir-regolament hu bla preġudizzju għal kull liġi oħra li tirregola l-għoti ta' riċevuti għal oġġetti postali reġistrati.*

L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament l-Artikolu 73 ta' l-Att, mhux talli ma jirregolax it-tqassim ta' avviżi **personalment** lit-*taxpayer* b'mod differenti minn kif prefiss fl-imsemmi Regolament tal-Liġi relattivament għall-iffirmar ta' l-AR Card, talli fil-ewwel *proviso* tas-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu tal-Liġi, li kien ġià in vigore fiż-żmien tan-notifika ta' l-istima in kwistjoni lis-soċjetà Rikorrenti, hemm provdut b'mod ċar xi proċedura trid tiġi segwita meta n-notifika lit-*taxpayer* ma sseħħx minħabba l-fatt li t-*taxpayer* ma jkunx jista' jinstab, li fil-fehma tat-Tribunal jfisser ukoll meta in-notifika f'indirizz partikolari ma ssirx għaliex, possibilment ripetutament, ma jiftaħ ħadd, u ċioè li f'tali każ il-Kummissarju tat-Taxxi jippubblika avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u f'xi ġurnal wieħed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li l-avviż in kwistjoni jkun sar u jistieden lit-*taxpayer* biex imur jiġbor dak l-avviż mill-post minnu indikat; proċedura din però li fil-każ in eżami ma ġietx segwita u invece ġiet adottata proċedura iktar żbrigattiva għall-Kummissarju iżda ta' preġudizzju ghat-*taxpayer*, ossia s-soċjetà Rikorrenti, f'li l-istima bla kont ta' xejn titħalla taħt il-bieb tal-flat Nru.6, Tessie, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta li fil-każ in eżami ma jistax jitqies li l-istima mertu ta' dawn il-proċeduri ġiet notifikata lis-soċjetà Rikorrenti fis-27 ta' Jannar 2015, ossia d-data meta l-Ispetturi tal-VAT hallew l-ittra indirizzata lill-imsemmija soċjetà taħt il-bieb tal-flat Nru.6, Tessie, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida. Lanqas jista' jitqies li t-terminu ta' tletin gurnata ghall-appell minn tali stima skatta dakinhar tas-27 ta' Jannar 2015. Ladarba ma jistax jiġi determinat b'eżatezza meta tali stima ġiet a konjizzjoni tas-soċjetà Rikorrenti u konsegwentement għalhekk meta skatta t-terminu għall-appell mill-istess stima, ma jistax u ma għandux jitqies li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istima maħruga kontriha ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.12-31.12.10, li ġie intavolat fil-5 ta' Marzu 2015, huwa tardiv.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u minflok jordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjez realttivi ghal din l-istanża għandhom jiġu sopportati mill-Kummissarju tat-Taxxi.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi notifikata lis-soċjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**